StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

## IT-TIENI SENA — IL-ĠEOGRAFIJA — IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem: ______________________________** **Il-Klassi: ____________**

**N.B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha fuq din il-karta tal-eżami. Ikteb ċar b'Malti tajjeb. Fl-aħħar tal-karta għandek issib listi ta' kliem ġeografiku bil-Malti u bl-Ingliż.**

A. Ħares sewwa lejn l-istampa 1, Mappa tal-Mediterran, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet:

1. Liema *daħliet* għall-Mediterran huma mmarkati:

E1 ____________________ E2 ____________________ E3 ____________________

(agħżel minn: *Dardanelli; Strett ta' Ġibiltà; Kanal tas-Swejz*)

2. Liema *muntanji* huma mmarkati:

M4 ____________________ M5 ____________________ M6 ____________________

M7 ____________________ M8 ____________________

(agħżel minn: *Appennini; Taurus; Pirinej; Alpi; Atlas*)

3. Liema *vulkani* huma mmarkati:

V9 ____________________ V10 ____________________ V11 ____________________

(agħżel minn: *Etna; Santorini; Vesuvju*)

4. Liema *xmajjar* huma mmarkati:

R12 ____________________ R13 ____________________

R14 ____________________ R15 ____________________

(agħżel minn: *Nil; Po; Rhone; Ebro*) (15-il marka)

B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor:

1. X'inhi d-differenza bejn temp u klima?

________________________________________________________________ (3)

2. F'sentenza waħda ddeskrivi l-klima Mediterranja.

________________________________________________________________ (3)

3. Semmi żewġ fenomeni jew elementi tat-temp.

______________________ ______________________ (4)

4. Għaliex huwa mportanti li nkunu nafu r-rapport u t-tbassir tat-temp?

________________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Għaliex it-temp huwa importanti għall-bdiewa? ______________________________________________

6. Għaliex it-temp huwa importanti għas-sajjieda?

______________________________________________ (2)

C. Ħares sew lejn stampa 2, <u>Mappa tad-Dinja,</u> imbagħad semmi *l-linji* mmarkati: (6 marki)

1 ____________ 2 ____________ 3 ____________

4 ____________ 5 ____________ 6 ____________

Agħżel minn: *Ċirku Artiku; Tropiku tal-Kaprikornu; Ekwatur; Linja tad-Data; Meridjan Prim; Tropiku ta' Kanċer*

Stampa 2 – <u>MAPPA TAD-DINJA</u>




D. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tagħżel minn dawn li ġejjin: (14-il marka)

*Il-Linja tad-Data; lonġitudni; indiċi; atlas; 36°; latitudni; Ekwatur*

1. X'ngħidulu ktieb tal-mapep? ____________
2. Fl-aħħar paġni ta' ktieb tal-mapep ikun hemm lista tal-postijiet bil-paġna tal-mappa u l-ko-ordinati. X'ngħidulha din is-sezzjoni tal-ktieb? ____________
3. X'jissejħu l-linji orizzontali li jkun hemm fil-mapep tal-atlas? ____________
4. X'jissejħu l-linji vertikali li jkun hemm fil-mapep tal-atlas? ____________
5. Liema hija l-itwal linja tal-latitudni? ____________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6. X'tissejjah ukoll il-linja tal-lonġitudni 180°? ____________________
7. Liema linja tal-latitudni taqsam il-Gżejjer Maltin? ____________________

E. Uża dan il-kliem biex timla l-vojt tal-paragrafu t'isfel: (14-il marka)

*Nasser; idro-elettrika; kontrollat; Aswan; ġeneraturi; turbini; għadira*

L-Ilma fir-Reġjun tal-Mediterran

Fil-pajjiżi tal-Mediterran, xi kultant ix-xmajjar tinbnielhom diga; għalhekk tkun iffurmata ____________________ artifiċjali wara d-diga. B'hekk it-tnixxija tal-ilma tkun ____________________ u 'l isfel fil-wied u l-bdiewa jkollhom ilma s-sena kollha. Is-saħħa tal-ilma li jgħaddi minn ġot-toqob fid-diga ddawwar ____________________ li mbagħad iħaddmu d-*dynamos* u l-____________________. Din it-tip ta' enerġija tissejjaħ ____________________. Proġett bħal dan jinsab fid-diga ta' ____________________ fin-nofsinhar tal-Eġittu, li ħolqot l-Għadira ____________________ warajha.

F. Ikteb jekk dawn l-azzjonijiet humiex TAJBIN jew ĦŻIENA għall-ambjent: (10 marki)

1. Inħalli d-dawl jixgħel il-ħin kollu filgħaxija. ____________________
2. Nissepara iż-żibel id-dar. ____________________
3. Jiena nixtri biss ħaxix f'ħafna ppakkjar. ____________________
4. Kull meta mmur il-ħanut nieħu borża tal-plastik ġdida. ____________________
5. Meta naħsel il-platti, nuża biss ftit sapun likwidu kemm jeħtieġ. ____________________

Ġ. Dan li ġej huwa rapport fl-aħbarijiet tar-radju dwar terremot. Aqra l-paragrafu u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt.

Terremot f'Malta, 21 ta' Marzu 1972

Fil-Gżejjer Maltin għall-ħabta tal-11.10 ta' filgħaxija tal-21 ta' Marzu nħass terremot ta' 5 gradi fl-iskala Mercalli. Dam xi għaxar sekondi. Ħafna nies qamu mis-sodda u ħarġu 'l barra minn djarhom għax beżgħu li se tagħmel replika tat-terremot. Huma qattgħu l-bqija tal-lejl fil-karozzi tagħhom jew f'postijiet fil-beraħ bħal Ta' Qali jew Ħal Far. Għalkemm l-iskejjel fetħu, ma sarux lezzjonijiet u l-istudenti qagħdu fil-btieħi u l-ġonna. Skont is-sesmografu tal-Università, l-epiċentru kien 40 kilometru fil-Lvant ta' Malta. Xi bini qadim ġarrab ħsarat ħfief u nfetħu xi konsenturi f'xi ħitan. Fortunatament ħadd ma korra. Ma kienx hemm rapporti ta' mewġ kbir max-xtut. It-theżżiża nħasset ukoll minn Licata u Gela fi Sqallija.

1. Ikteb kelma oħra li tfisser 'terremot'. ____________________ (1)
2. X'ikun l-epiċentru? ____________________ (2)
3. X'ikun sesmografu? ____________________ (2)
4. X'insejħulha mewġa għolja kkawżata minn terremot taħt il-baħar? ____________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Għaliex ħafna Maltin qagħdu barra dak il-lejl u dakinhar?

______________________________________________________________

6. Fit-terremot tal-1972, il-ħsara kienet żgħira. Iddeskrivi l-ħsara li saret b'dak it-terremot.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

G. Ikteb in-numru tal-BIDU tas-sentenza ħdejn it-TMIEM li jaqbel miegħu. (14-il marka)

| IL-BIDU | | IT-TMIEM | |
|---|---|---|---|
| 1 | Sal-1991 il-Kroazja | | jifforma s-smogg. |
| 2 | Barċellona, Marsilja, Napli u Lixandra | | kienet tifforma parti mill-Jugoslavja. |
| 3 | Ir-rifuġjati huma sfurzati jaħarbu minn pajjiżhom | | l-qtugħ ta' kwantità kbira ta' siġar. |
| 4 | Peress li l-popolazzjoni u l-industriji żdiedu, | | huma portijiet fil-Mediterran b'iktar minn miljun ruħ kull wieħed. |
| 5 | Meta d-duħħan jitħallat maċ-ċpar | | minħabba l-effett serra. |
| 6 | Il-Baħar Mediterran qed jisħon | | id-domanda għall-ilma żdiedet ukoll. |
| 7 | Id-diforestazzjoni hija | | minħabba l-gwerer, il-ġuħ u l-persekuzzjoni. |

Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira bl-Ingliż.

| | |
|---|---|
| daħliet | *entrances* |
| għadira | *lake* |
| Linja tad-Data | *Date Line* |
| epiċentru | *epicentre* |
| Replika tat-terremot | *aftershock* |
| Il-Meridjan Prim | *The Prime Meridian* |
| indiċi | *index* |
| diga | *dam* |
| tnixxija | *flow* |
| idro-elettrika | *hydro-electric* |
| daħliet | *entrances* |
| smogg | *smog* |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers



Stampa 1 - Mappa Tal-Mediterran

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers